IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.1.2017
COM(2017) 2 final

2017/0006 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lil Franza tikkonkludi ftehim mal-Iżvizzera li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-ajruport ta' Bâle-Mulhouse

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Skont l-Artikolu 396 tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn issa 'l quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, billi jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jikkonkludi ftehim li jista' jkun fih derogi mid-Direttiva tal-VAT ma' pajjiż terz jew ma' korp internazzjonali.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2015, Franza talbet awtorizzazzjoni sabiex tikkonkludi ftehim mal-Iżvizzera fir-rigward tal-applikazzjoni territorjali tas-sistema tal-VAT fl-ajruport ta' Bâle-Mulhouse. Skont l-Artikolu 396(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn b'ittra datata l-24 ta' Ottubtu 2016. Permezz ta' ittra datata l-25 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lil Franza li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tqis it-talba.

L-ajruport ta' Bâle-Mulhouse jinstab kollu kemm hu fit-territorju ta' Franza u għaldaqstant parti mill-ħekk imsejjaħ "territorju tal-VAT" kif definit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-VAT.

Fir-rigward tal-bini u l-isfruttar tal-ajruport, Franza u l-Iżvizzera temmew Konvenzjoni fl-1949[1] (minn issa 'l quddiem il-"Konvenzjoni"). L-Artikolu 8 ta' din il-Konvenzjoni ibassar il-ħolqien tal-ħekk imsejjaħ settur tad-dwana Żvizzeru, żona delimitata fi ħdan l-ajruport fejn l-awtoritajiet Żvizzeri jistgħu jikkontrollaw l-oġġetti u l-passiġġieri ġejjin jew sejrin mill-Iżvizzera. Barra minn hekk, fl-anness tal-Konvenzjoni huwa stipulat li se jkun konkluż ftehim dwar, fost l-oħrajn, ir-regoli tat-taxxa li se jkunu applikabbli għal negozji stabbiliti f'dan is-settur bejn il-gvernijiet rispettivi. Madankollu, qatt ma ġie konkluż ftehim bħal dan.

Fl-2015, Franza u l-Iżvizzera ddeċidew li jikkonkludu ftehim internazzjonali li jeskludi s-settur tad-dwana Żvizzeru mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva tal-VAT billi din iż-żona tkun meqjusa bħala parti mit-territorju tal-VAT Żvizzeru. Riżultat ta' dan, l-Iżvizzera se titħalla tapplika r-regoli tagħha stess tal-VAT.

Għaldaqstant minħabba li ftehim internazzjonali bħal dan se jkollu miżura li tidderoga mid-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-prinċipju tat-territorjalità, l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill hija meħtieġa fuq proposta tal-Kummissjoni.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 396 tad-Direttiva tal-VAT

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

[1] It-titlu oriġinali tal-Konvenzjoni: 'Convention Franco-Suisse du 4 juillet 1949 relative à la construction et à l'exploitation de l'aéroport de Bâle-Mulhouse, à Blotzheim' (Konvenzjoni Franċiża-Żvizzera tal-4 ta' Lulju 1949 fir-rigward tal-bini u l-isfruttar tal-ajruport ta' Bâle-Mulhouse, fi Blotzheim) (kif emendat)

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp tal-applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan mixtieq, jiġifieri r-regolamentazzjoni tas-sitwazzjoni partikolari fir-rigward tal-hekk imsejjaħ settur tad-dwana fl-ajruport ta' Bâle-Mulhouse fejn, skont Franza, il-kontroll mill-awtoritajiet Franċiżi dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT mhuwiex prattiku.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 396 tad-Direttiva 2006/112/KE, deroga mir-regoli komuni dwar il-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni. Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq minħabba li tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba magħmula minn Franza u tikkonċerna dan l-Istat Membru biss.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm ħtieġa ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tikkonċerna s-sitwazzjoni fir-rigward tas-"settur tal-kontrolli Żvizzeru" fl-ajruport ta' Bâle-Mulhouse. Billi tiġi meqjusa din il-parti tal-ajruport - fejn l-awtoritajiet Żvizzeri jwettqu l-kontrolli skont konvenzjoni bejn Franza u l-Iżvizzera - bħala territorju Żvizzeru, is-sitwazzjoni hija solvuta fil-prattika. Għalkemm fir-rigward ta' din iż-żona partikolari tinħoloq differenza bejn it-territorju tal-VAT u tad-Dwana (fejn it-tieni territorju jibqa' mhux affetwat minn din il-proposta), għandu jiġi osservat li sitwazzjoni bħal din teżisti f'diversi każijiet (eż. il-Muntanja Athos, il-Gżejjer Kanarji) u m'għandhiex twassal għal problemi partikolari. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deroga, l-impatt se jkun limitat fi kwalunkwe każ.

4. IMPLIKAZZJONOJIET BAĠITARJI

Franza se tiżgura li din id-deroga ma jkollha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT.

2017/0006 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lil Franza tikkonkludi ftehim mal-Iżvizzera li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-ajruport ta' Bâle-Mulhouse

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru, u b'mod partikolati l-Artikolu 396(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali, is-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud hija, bħala regola, applikabbli fit-territorju ta' Stat Membru.

(2) Permezz ta' ittra minn Franza rreġistrata mal-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2015, Franza talbet awtorizzazzjoni sabiex tikkonkludi ftehim mal-Iżvizzera fir-rigward tal-ajruport ta' Bâle-Mulhouse li jaffetwa dak ir-regola.

(3) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 396(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħrajn dwar it-talba magħmula minn Franza b'ittra datata l-24 ta' Ottubru 2016. Permezz ta' ittra datata l-25 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lil Franza li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tqis it-talba.

(4) L-ajruport ta' Bâle-Mulhouse jinstab kollu kemm hu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, konvenzjoni tal-1949 bejn Franza u l-Iżvizzera rigward il-bini u l-isfruttar tal-ajruport ta' Bâle-Mulhouse stipulat li settur speċjali Żvizzeru tad-dwana għandu jkun stabbilit fiż-żona delimitata tal-ajruport fejn l-awtoritajiet Żvizzeri se jkunu jistgħu jeżerċitaw kontroll fuq l-oġġetti u l-passiġġieri ġejjin jew sejrin mill-Iżvizzera. F'din il-konvenzjoni kien imbassar ukoll li ftehim separat bejn il-pajjiżi rispettati se jkun konkluż, inter alia, dwar ir-regoli fiskali li jirregolaw dan is-settur partikolari.

(5) Inqalgħu problemi rigward is-settur Żvizzeru tad-dwana, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll fuq l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar il-VAT minn negozji stabbiliti fi ħdan dak is-settur.

(6) Fl-2015 Franza u l-Iżvizzera qablu li jikkonkludu ftehim internazzjonali li jqis is-settur Żvizzeru tad-dwana bħala territorju Żvizzeru għal skopijiet ta' VAT. Minħabba li dan jidderoga mid-Direttiva tal-VAT, hemm ħtieġa ta' awtorizzazzjoni.

(7) Franza se tiżgura li din id-deroga ma jkollha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Franza hija b'dan awtorizzata tikkonkludi ftehim mal-Iżvizzera li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mid-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni territorjali tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-ajruport ta' Bâle-Mulhouse.

Id-dispożizzjoni li tidderoga fir-rigward ta' dan il-ftehim hija stabbilita fl-Artikolu 2.

Artikolu 2

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE, is-settur Żvizzeru tad-dwana fl-ajruport ta' Bâle-Mulhouse, kif definit minn Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Franċiża-Żvizzera tal-4 ta' Lulju 1949 fir-rigward tal-bini u l-isfruttar tal-ajruport ta' Bâle-Mulhouse fi Blotzheim[2], mhux se jkun meqjus li jifforma parti mit-territorju ta' xi Stat Membru fi ħdan t-tifsira ta' dan l-artikolu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta’ Franza.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[2] Convention Franco-Suisse du 4 juillet 1949 relative à la construction et à l'exploitation de l'aéroport de Bâle-Mulhouse, à Blotzheim (kif emendata)